



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2012/0279(NLE)

30.5.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika
(COM(2012)0577 – C7 – 2012/0279(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD), li ġiet iffinalizzata matul is-Samit dwar id-Dinja f'Rio fl-1992, stabbilixxiet il-prinċipji segwenti fl-Artikolu 15 tagħha:

- l-Istati għandhom drittijiet sovrani fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tagħhom,
- l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi jeħtieġ kunsens informat minn qabel u għandu jingħata skont il-patti bi qbil reċiproku,
- il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi għandhom jiġu kondiviżi b'mod ġust u ekwu mal-pajjiż li qed jipprovdi r-riżorsi.

Is-CBD irreferiet ukoll għall-għarfien tradizzjonali tal-komunitajiet indiġeni u lokali dwar l-użu ta' riżorsi bijoloġiċi u għall-qsim ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' tali għarfien.

Fil-prattika madankollu s-CBD kellha f'it effett. Għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tas-CBD, bdew in-negozjati fuq protokoll dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji. Dawn in-negozjati ġew konklużi fl-2010 u rriżultaw fil-Protokoll ta' Nagoya, li issa ġie ffirmat mill-UE u l-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-Protokoll ta' Nagoya fih dispożizzjonijiet li huma intiżi sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aktar prevedibbli għall-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi; jiżguraw il-qsim tal-benefiċċji bejn l-utenti tar-riżorsi ġenetiċi u dawk li jipprovduhom, u fl-aħħar nett, jiżguraw li jintużaw biss riżorsi ġenetiċi miksuba b'mod legali fir-rigward tal-Kunsens Informat Minn Qabel u l-Patti bi Qbil Reċiproku. Abbażi ta' dan, il-Protokoll ta' Nagoya huwa strument importanti biex tiġi miġġielda l-bijopiraterija.

Aktar minn għoxrin sena wara l-finalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, wasal il-mument li jinħoloq qafas għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tagħha dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji, filwaqt li jingħata kontribut għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha, b'mod konformi mal-oġġettivi tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Fid-dawl tat-tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika li se tinżamm f'Ottubru 2014 fil-Korea t'Isfel, hemm bżonn li dan il-Protokoll jiġi ratifikat u jidħol fis-seħħ malajr u li jiġi adottat regolament tal-UE li jimplementa dan il-Protokoll.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.5.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Corina Crețu, Véronique De Keyser, Charles Goerens, Mikael Gustafsson, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Andreas Pitsillides, Maurice Ponga, Jean Roatta, Alf Svensson, Keith Taylor, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Eric Andrieu, Philippe Boulland, Emer Costello, Isabella Lövin, Cristian Dan Preda